MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 28/2004

Citazzjoni Nru. 28 / 04NC

Kawza fil-lista: 56

**A sive A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Peress illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fil-11 ta' April 1979 [recte: 01 ta' April 1989] u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal minuri D u E.

Peress illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici martu ta’ sevizzi, minacci, insulti u ingurji gravi tant illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment u l-hajja konjugali ma ghadhiex aktar possibbli.

Peress illi fl-1 ta’ Lulju 2003 l-attrici flimkien maz-zewgt itfal minuri giet kostretta titlaq id-dar wara argument serju li nqala’ bejn il-kontendenti.

Peress illi l-konvenut imedjatament wara li gara l-incident sakkar il-bieb tar-residenza matrimonjali minn gewwa u wahhal katnazz mal-bieb tal-garaxx li jinfed ma’ l-istess dar biex b’ hekk l-attrici u t-tfal minuri ma jistghux jidhlu go darhom. L-attrici gia pprocediet b’ kawza ta’ spoll kontra l-konvenut permezz ta’ citazzjoni numru 876/2003 fl-istess ismijiet liema kawza tinsab appuntata quddiem din l-Onorabbli Qorti ghat-18 ta’ Frar, 2004.

Peress illi l-attrici llum tghix flimkien maz-zewg uliedha minuri fir-residenza tal-genituri taghha San Gwann.

Peress illi l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili permezz ta’ Digriet Numru 1127/2003 kif sussegwentement prorogat (vide Dok. B u C).

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ‘a mensa et thoro’ minhabba ragunijiet validi u accettati fil-ligi fosthom minacci, sevizzi, theddid u vjolenza da parti tal-konvenut;

2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament hati tal-firda u ghalhekk ghandu jitlef il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631 u 827 tal-Kodici Civili;

3. Tistabilixxi d-data meta l-konvenut ghandu jigi dikjarat hati tal-firda u tikkommina kontra l-istess konvenut l-estremi kollha previsti mil-ligi;

4. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti u tassenjaha bejn il-partijiet, mhux necessarjament f’ partijiet ugwali u bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet li jispettaw lill-konvenut skond il-ligi;

5. Tiffissa retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici;

6. Tordna illi t-tfal minuri D u E jigu fdati fil-kura u l-kustodja ta’ l-attrici;

7. Tiffissa retta alimentari pagabbli mill-konvenut ta’ l-istess minuri;

8. Tiddeciedi illi l-attrici flimkien ma’ uliedha ghandha toqghod fid-dar konjugali u dana bl-eskluzjoni tal-konvenut mill-istess dar;

9. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti l-ohra kollha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi ma hemm l-ebda oggezzjoni kwantu jirrigwarda l-pronunzja tas-separazzjoni personali stante illi kull tentattiv falla u se mai jahtu z-zewg partijiet u mhux kif allegat.

2. Illi l-esponenti ma jaccettax illi dan it-tkissir ta’ zwieg sehh minhabba nuqqas da parti tieghu jew li huwa unikament responsabbli ghal liema raguni din it-talba ghandha tigi michuda u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

3. In vista ta’ dak espost fit-tieni eccezzjoni, qieghed jirribatti din it-talba.

4. Illi dato l-fatt illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex possibbli, l-esponenti jaqbel li ghandu jkun hemm divizjoni tal-assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti b' dan illi kull parti tiehu dak li hu taghha u spettanti lilha skond il-ligi b' respinta da parti ta' l-esponenti li huwa ghandu jigi sanzjonat b' xi mod.

5. Illi ma ghandha tigi allokata l-ebda retta alimentarja ghall-attrici stante li din minn dejjem kienet fl-impjieg u telqet biss kapriccozament appena beda l-inkwiet bejn il-kontendenti.

6. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri hemm qbil li tkun fdata lill-attrici, kif fil-fatt ilha f' idha mill-bidu ta' l-inkwiet bejn il-kontendenti b' dan illi l-konvenut ikunu allokati lilu dawk id-drittijiet ta' access ghall-istess minuri.

7. Illi l-esponenti jaccetta l-obbligu tieghu li jmantni lill-uliedu.

8. It-tmien talba ghandha tigi respinta stante illi d-dar matrimonjali nbniet fuq plot allokat lill-konvenut wara l-hrug ta' l-iskema mill-Awtoritajiet ta' dak iz-zmien u l-benefikati kollha fuq l-istess plot thallsu fl-intier taghhom minn flejjes appartenenti lill-esponenti u di piu l-attrici ilha zmien anzi mill-bidu nett, li abbandunat d-dar matrimonjali u marret tabita f' dar ohra.

9. Kwantu d-disa' talba, l-esponenti jirrimetti ruhu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati ;

Rat ir-relazzjoni[1] tal-perit legali l-Avukat Dottoressa Irene Bonello, minnha debitament mahlufa ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

---

[1] Fol.792 *et seq.*

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut minhabba li z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli, u dan ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-istess konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkontesta li z-zwieg tkisser htija tieghu, u jghid li "se mai, jahtu z-zewg partijiet"; jkkontesta wkoll diversi talbiet ohra ta' l-attrici.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' April 1989 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal, D u E, li twieldu rispettivament fis-27 ta' Dicembru 1992 u fid-9 ta' Dicembru 1999 u li ghalhekk llum ghadhom taht l-eta'.

Sfortunatament, wara circa sentejn miz-zwieg, il-partijiet bdew jirriskontraw problemi matrimonjali, bir-rizultat li fl-1 ta' Lulju 2003 l-attrici telqet, flimkien mat-tfal taghha mid-dar kojugali, u, filwaqt li inizjalment marret toqghod ghand oht il-konvenut, eventwalment marret tghix fil-fond tal-genituri taghha.

Illi din il-Qorti taqbel mal-perit legali li s-sitwazzjoni tal-partijiet illum hija tali li l-konvivenza matrimonjali m' ghadhiex aktar possibbli bejniethom; izda ma tikkondividix il-konkluzjoni taghha li din kienet dovut ghall-indhil da parti tal-genituri ta' l-attrici. Il-Qorti tosserva li mill-provi akkwiziti jirrizultaw fatti sodisfacentement provati li jwasslu ghall-konkluzjoni li kien il-komportament abuziv, ripetut u abitwali, da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici li wassal ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg. Il-Qorti hija sodisfatta li mill-provi jirrizulta li l-konvenut, deskritt mill-attrici bhala workaholic, kien ta' sikwit u b' mod sproporzjonat jirreagixxi bl-ghajjat, tkissir u anke theddid fil-konfront ta' martu, u dan anke quddiem it-tifla. It-

temperament aggressiv da parti tieghu fil-konfront ta' martu kien tali, li kien wassal ghall-azzjonijiet abuzivi da parti tieghu li fil-fehema ta' din il-Qorti, jikkostitwixxu 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu precitat, stante li rrendew nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza matrimonjali, bir-rizutlat li fl-Lulju 2003, l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali.

L-insensittivita' tal-konvenut lejn martu u uliedu kompliet timmanifesta ruhha b' mod lampanti, meta eventwalment sakkarhom barra mid-dar konjugali, u anke tul dawn il-proceduri, meta naqas milli jkompli jhallas il-manteniment ordnat minn din il-Qorti.

In fine, jigi osservat li, ghalkemm din il-Qorti ma teskludix il-fatt li fit-tilwim bejn il-konjugi, il-genituri ta' l-attrici kienu jghatuha l-appogg taghhom, probabbilment anke billi jidhru f' dawl negattiv mal-konvenut, u, ghalkemm mhux eskluz il-fatt li l-genituri taghha setghu ghaddew kummenti negattivi fil-konfront tal-konvenut tenut kont tal-komportament aggressiv tieghu fil-konfront taghha, izda din il-Qorti ma thoss li, kif sottomess mill-perit legali, dan kien fattur determinanti ghat-tilwim bejn il-partijiet;  imma kien it-temperament abuziv da parti tieghu fil-konfront ta' martu li, kif fuq gia ndikat, ezercitat fuq bazi ripetut, rrenda l-konvivenza matrimonjali nsapportabbli ghall-attrici.

Jigi osservat ukoll li l-ilment tal-konvenut li, l-attrici kienet turi certu gibda lejn il-familja taghha, partikolarment lejn ommha li, skond il-konvenut, kienet tmur maghhom kull fejn imorru, filwaqt li ma jirrizultax provat li dan kien minnu, il-Qorti tosserva li ma jirrizultax provat li dan kien il-fonti tal-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet. Inoltre, anke jekk dato non concesso, dan kien minnu, dan il-fatt ut sic, ghalkemm jista' jikwalifika bhala nuqqas, m' huwiex tali li jinkwadra fl-artikolu 40; ghax ghandu jkun car li mhux kull nuqqas ta' konjugi fiz-zwieg jkkostitwixxi bazi legali valida ghas-separazzjoni u jwassal, anke b' mod kontributorju ghall-htija ta' dak il-konjugi.

Dan premess u kkonfermat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenut.

**Kura u Kustodja**

Illi mill-atti[2] jidher li hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens li t-tfal minuri li llum bhala eta' ghandhom circa 16 u 9 snin, jibqghu fdati fil-kura u kustodja ta' l-omm, filwaqt li l-missier ikollu dritt ta' access ghalihom. Il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt li t-tfal ilhom jghixu ma' ommhom minn mindu twieldu, u ghadhom jghixu maghha, huwa fl-interess tal-minuri li dawn jibqghu fil-kura ta' ommhom, tenut wkoll tal-fatt li ma hemmx provi li juru l-kuntrarju.

Ghalhekk f' dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali fir-relazzjoni taghha in propozitu ; u konfromament qed tafda l-kura u kustodja tat-tfal D u E lil ommhom, l-attrici, filwaqt li l-missier qed jinghata access kif ser jinghad :

[1] matul is-sena skolastika, is-Sibt jew il-Hadd, b' mod alternat, mid-9.00 am sas-7.00 pm u f' gurnata ohra matul il-gimgha ghal tlett sieghat[3]; u f' weekend kollu darba fix-xahar mill-Gimgha 6.30 pm sal-Hadd 6.30 pm; fil-vaganzi skolastici estivi, l-access jestendi sat-8.30 pm

[2] fil-gurnata tal-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u fl-Ghid il-Kbir u festi pubblici ohra, it-tfal ghandhom jalternaw kull sena, u l-access ikun mid-9.00am sas-7.00 pm; f' Jum l-Omm u Jum il-Missier, it-tfal iqattghu l-gurnata [bl-istess hinijiet] mal-genitur rispettiv;

[3] fil-vakanzi estivi tat-tfal, u precizament fix-xhur ta' Lulju u Awissu, it-tfal iqattghu gimgha shiha, kull xahar, mal-missier.

**Manteniment**

---

[2] Nota ta' l-eccezzjonijiet – Vol.1 – fol.58

[3] Fil-kaz li l-partijiet ma jifthemux fuq il-gurnata u l-hin ta' l-access, dan ghandu jkun kull nhar ta' Erbgha jew nhar ta' Hamis, mill-4.00pm sas-6.00pm. Wkoll, tenut kont tad-differenza kbira fl-eta' tat-tfal, il-Qorti tikkoncedi li l-access ta' matul il-gimgha jkun jista' jigi ezercitat separatament ghat-tfal, skond l-iskeda taghhom.

Illi in propozitu l-principji generali li jgvernaw din il-parti ta' l-aspett tal-kawza, huma [1] li z-zewg genituri ghandhom l-obbligu wgwali li jikkontribwixxu, fi kwalunkwe forma, ghall-manteniment ta' l-ulied minuri taghhom, skond il-mezzi taghhom u l-skond bzonnijiet tat-tfal ; [2] li l-parti hatja ghas-separazzjoni ghandha thallas manteniment lill-parti vincenti, dejjem skond il-mezzi u l-bzonnijiet rispettivi ; [3] li kull parti fiz-zwieg ghandha l-obbligu li tikkontwibwixxi ghall bzonnijiet tal-familja.

Illi applikat il-premess ghall-fatti tal-kaz in dizamina, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li, filwaqt li precedentement ghas-separazzjoni l-attrici, nonostante li kellha zewgt-it tfal zghar kienet tahdem, izda kif bdew il-proceduri odjerni hija ma bqghetx tahdem barra mid-dar, u kompliet tiehu hsieb u trabbi lit-tfal li llum ghandhom circa 16 u 9 snin rispettivament.

L-attrici tghid li l-manteniment fissat fl-ammont ta' LM27 u LM28 fil-gimgha, ghaliha u ghaz-zewg minuri rispettivament, mhuwiex adegwat biex ikopri l-bzonnijiet taghhom. Tghid ukoll li, nonostante li l-konvenut kien gie kkundannat mill-Qorti Kriminali talli naqas milli jhallas il-manteniment dovut minnu, "l-ahhar pagament li tani kien fil-11 ta' Marzu 2004."4 Ghalhekk, in vista tar-riluttanza manifesta u provata tal-konvenut li jhallas il-manteniment dovut lilha, hi qed titlob li l-mantenimnet futur jigi komputat u jinghata lilha f' lump sum.

Mill-banda l-ohra, il-konvenut li ghandu s-sengha ta' mastrudaxxa, jghid li kellu jnaqqas mix-xoghol tieghu, u ghalhekk mill-introjtu tieghu, "peress li fil-prezent jien nghix wahdi u nahsel u nnaddaf kollox jien ….. mmur nnaddaf u nsajjar u niehu hsieb tal-bzonnijiet tieghi."5 Jghid ukoll li, peress li l-attrici kienet tahdem u ma hemm xejn milli jzommha li tkompli tahdem hu m' ghandux ihallas manteniment ghaliha, ghalkemm jaccetta li jhallas manteniment ghat-tfal minuri. Fi kliemu: "jiena lil mara ma hinix lest li mmantniha."6

4 Vol.2 – fol.359
5 Vol.1 – fol.165
6 Ibid. - fol.119

Illi l-Qorti, hi tal-fehema li peress li, l-attrici qeda taghti l-kontribut taghha ghall-bzonnijiet tat-tfal minuri, billi tiehu hsiebhom bil-hidma u hila taghha fid-dar fejn qed jghixu fil-prezent, kif ilha taghmel minn mindu twieled, din m' ghandhiex tikkontribwixxi ulterjorment ghall-manteniment tat-tfal ; filwaqt li l-konvenut ghandhu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' tfal billi jhallas lill-attrici retta alimentarja kull gimgha ta' €46.59 [ekwivalenti ghal LM20] fil-gimgha ghal kull wild sakemm jibqghu minorenni ; izda , tenut kont tan-nuqqas tal-konvenut li jonera l-obbligu tieghu kif ordnat mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Awissu 2003, hija opportuna l-applikazzjoni ta' l-artikolu 54 [3] tal-Kap.16, u ghalhekk tordna lill-konvenut jhallas lill-attrici **s-somma globali** ta' **€24,225.48 [ekwivalenti ghal LM10,400].[7],** li minn naha taghha l-attrici qed tigi ordnata tiddepozita f' kont fuq isem it-tfal, u hija awtorizzata tigbed minnha biss is-somma ta' €93.17 [LM40] fil-gimgha u l-imghax relattiv, jekk mhux bil-kunsens bil-miktub tal-konvenut, jew bl-awtorita' ta' qorti kompetenti.

Oltre dan, hu ghandu jhallas nofs l-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni tat-tfal, u spejjez ta' natura straordinarja relatati mas-sahha tal-minuri.

Illi in kwantu ghall-manteniment futur li l-konvenut bhala l-parti hati tal-firda ghandu jhallas lill-attrici, din il-Qorti, wara li qieset il-mezzi u l-bzonnijiet rispettivi tal-konjugi, u tenut kont ukoll tal-fatt li ma hemmx ostakolu serju sabiex l-attrici, li llum ghandha circa 45 sena terga' tohrog tahdem [kif kienet taghmel qabel] u tiggerna ntrojtu hi wkoll sabiex tikkontribwixxi finanzjarjment ghall-bzonnijiet taghha. Din il-Qorti qed tistabbilixxi r-retta alimentarja dovuta ghall-manteniment ta' l-attrici fl-ammont ta' €34.94 [ekwivalenti ghal LM15] fil-gimgha, u li dan il-manteniment ghandu, ghall-istess raguni fuq indikata, jigi komputat sabiex jithallas f' pagament wiehed. Ghaldaqstant il-

[7] Vannessa [B.27.12.1992] 25.06.2009 sa 27.12.2010 : LM20 wk *52wks = LM1,040 + LM520 = **LM1,560**
E [B.9.12.1999] 25.06.2009 sa 09.12.2017 :LM20 wk* 52wks = LM1,040 x 8.5yrs = **LM8840**

konvenut huwa ordnat li jhallas lill-attrici ghas-saldu tal-manteniment dovut lilha **s-somma globali ta' € 27,253.67 [ekwivalenti ghal LM11,700]**[8]

*Manteniment Arretrat*
Illi mill-provi jirrizulta li permezz ta' digrit moghti mis-Sekond Awla Tal-Qorti Civili fis-7 ta' Awissu 2003, il-konvenut kien gie ordnat jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm27 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha, u LM28 fil-gimgha bhala manteniment ghat-tfal minuri : b' kollox LM55 fil-gimgha.

Illi fix-xhieda taghha l-attrici tghid li l-ahhar pagament tal-manteniment li ghamel zewgha kien fil-11 ta' Marzu 2004. Illi, apparti mill-fatt li dan ma giex kontraddett mill-konvenut, u tenut kont ta' dak li baqa' jsostni hu, li ma kellux jhallas manteniment ghal martu filwaqt li huwa lest li jhallas manteniment "gust" ghat-tfal, u tenut kont ta' dak li qal il-konvenut li hu naqqas mix-xoghol peress li kellu jiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu, il-Qorti hi tal-fehema li l-attrici pprovat sodisfacentement li mill-imsemmija data il-konvenut naqas milli jhallas aktar manteniment skond l-imsemmi digriet.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici, li minhabba dan in-nuqqas ta' zewgha kellha l-piz addizzjonali li tipprovdi ghall-finanzjament tal-bzonnijiet taghha u ta' uliedhom, is-somma globali ta' LM15,110[9] rapprezentati manteniment arretrat mill-11 ta' Marzu 2004 sal-25 ta' Gunju 2009.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
*[A] Id-Dar Konjugali – <Indirizz> soggetta ghal cens annwu perpetwu, u li giet valutata mill-Perit Godwin Abela fl-ammont ta' LM110,000, illum € 256,231.07*

Mill-atti jidher li tezisti kontestazzjoni qawwija bejn il-partijiet fir-rigward ta' din il-proprjeta', stane li, filwaqt li l-attrici ssostni li din tippartjeni lit-tnejn, il-konvenut isostni li

---

[8] LM15 *52wks *15yrs = LM11,700
[9] Mill-11.3.2004 sal 10.3.2009 [5 snin] u 11.3.2009 sal 25.06.2009 [14-il-gimgha]
LM55 * 52wks * 5yrs = LM14,300 + [LM55 x 14ks = LM810] = LM15,110

l-art sottostante kienet giet assenjati lilu mill-Awtorita' tad-Djar in sub emfitewsi perpetwa, u li kienu hu li hareg il-flus kollha u li ha hsieb sabiex jibni d-dar li kienet lesta qabel iz-zwieg, u ghalhekk qed jippretendi kreditu qawwi fuq l-istess fond.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li fis-19 ta' Gunju 1985 il-partijiet, bhala gharajjes, kienu sottomettew applikazzjoni lill-Awtorita' tad-Djar sabiex tigi allokata lilhom plot. Din l-applikazzjoni10 kienet giet iffirmata miz-zewg partijiet, allura gharajjes u f' dik il-vesti. L-applikazzjoni ntlaqet, u giet allokata l-plot, izda kemm fuq il-konvenju, kif ukoll fuq il-kuntratt finali [li sar fiz-zwieg], deher u ffirma biss il-konvenut. Ir-rapprezentant ta' l-Awtorita' fid-depozizzjoni taghha11 spejgat li "kieku ma kienux gharajjes ma setghux japplikaw … [u] f' dak iz-zmien l-allokazzjoni kienet issir lil min fost l-gharajjes kellu l-higher income, u l-konvenju kien jigi ffirmat mill-gharus jew mir-ragel jekk ikunu mizzewwgin."

Illi d-dar kienet kompluta qabel iz-zwieg, izda l-kuntratt ta' emfitewsi perpetwa li biha l-art giet eventwalment trasferita fuq isem il-konvenut, sar fit-3 ta' Frar 1993, u ghalhekk erba snin wara z-zwieg[12].

Illi ferm il-premess, din il-Qorti tosserva li, apparti mill-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza *Lawrence Lanzon vs Rosette Lanzon*[13] rigwardanti applikazzjoni ta' l-gharejjes iffirmata mit-tnejn, f' dan il-kaz, jirrizulta car li l-akkwist ta' l-art sar wara z-zwieg, u ghalhekk legalment il-fond in kwistjoni jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ; minghajr pregudizzju ghall-kreditu parafernali kontra l-istess komunjoni tal-flus li l-konvenut nefaq fil-bini tad-dar konjugali.

*Kreditu tal-konvenut versu l-komunjoni ta' l-Akkwisti*

[10] Vol.2 – fol.378
[11] Vol.2 – fol.322 *et seq.* u fol.324 *et seq.*
[12] Vol.1 – vide dokumenti fols.177 *et seq.*
[13] Cit.1197/02NC – deciza 30.11.2007

Illi in sostanza l-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fil-paragrafi minn 4.7.1 sa 4.7.9 pagni minn 12 sa 14 tar-relazzjoni[14], salv ghal dak li ser jinghad hawn taht.

Illi in propozitu l-konvenut jsostni li d-dar konjugali kienet lest u abitabbli sa minn qabel iz-zwieg, filwaqt li l-attrici tghid li kienet lesta biss wara tmien xhur miz-zwieg, u parti mix-xogholijiet reklamati mill-konvenut, fil-fatt saru fiz-zwieg. L-attrici ssemmi x-xogholijiet li saru wara z-zwieg.

Il-konvenut ipprezenta valutazzjoni maghruga mill-Perit Ronald Muscat Azzopardi fl-20 ta' Settembru 2004, indikanti dettaljatament ix-xogholijiet maghmula fid-dar u l-valur taghhom : b' kollox dawn ix-xogholijiet gew stmati fl-ammont ta' LM49,090.73.  Din l-istima giet konfermata mill-Perit Godwin Abela, sussegwentement inkarigat miz-zewg partijiet, li ddeskriviha bhala “wahda kompatibbli u fattwali ma' bini ta' fond ta' din il-kwalita.” Ghalhekk il-Qorti ser taccetta din l-istima bhala veritiera tax-xoghol maghmul mill-konvenut fil-fond de quo.

Izda l-attrici ssostni li parti minn dawn ix-xogholijiet saru wara z-zwieg, u taghti deskrizzjoni ta' dawn ix-xogholijiet, li l-Qorti, wara li ezaminat din il-parti tax-xhieda taghha, u tenut kont tat-tenuita' relattiva ta' dawn ix-xogholijiet komparati ma' dak li kien sar qabel iz-zwieg, waslet *arbitrio boni biri* ghall-figura ta' LM5,000 rapprezentanti x-xogholijiet li saru wara z-zwieg ; u ghalhekk nofs dan l-ammont, cioe' LM2,500 ghandu jigi dedotti mill-imsemmija somma ta' LM49,090.73, b' mod li l-valur ta' dan <u>il-kreditu tal-konvenut</u> versu l-komunjoni ta' l-akkwisti qed jigi stabbilit fl-ammont ta' €108,527.21 [**ekwivalenti ghal LM46,590.73]**, liema ammont allura ghandu jitnaqqas mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh tal-fond.

Ferm il-premess, il-Qorti tordna li l-fond fuq indikat, ghandu jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena, u wara dan il-perijodu, jinbigh bis-subbasta bil-valur ta' mhux anqas minn €256,231.07 [ekwivalenti ghal LM110,000] ; u mir-

[14] Appendici A – fols.806 - 808

rikavat tal-bejgh, ghandhom jigu dedotti : [1] is-somma ta' € 108,527.21 [ekwivalenti ghal LM46,590.73] dovuta lill-konvenut, u [2] is-somma ta' € 19,100.86 [ekwivalenti ghal LM8,200] valur tal-proprjeta' dotali, dovuta lill-attrici.[15]

Inoltre, permezz tal-gudizzju odjern tordna li l-konvenut jivvaka l-imsemmi fond fi zmien tlett xhur millum

[B] Ir-rimanenti cens temporaneju ta' ftit anqas minn sittin [60] sena stmat mill-imsemmi perit fl-ammont ta' LM38,426 tal-fond 153/154 Luqa Industrial Estate, Hal Luqa.

Il-Qorti tordna li dan ghandu jigi assenjat lill-konvenut, tenut kont tal-fatt li dan huwa l-post tax-xoghol tieghu, flimkien mal-makkinarju ta' go fih li skond l-attrici ghandu valur ta' circa LM8,000. Ghandu pero' jigi assenjat ukoll lill-konvenut id-dejn pendenti fuq l-istess fond u l-makkinarju ; kif ukoll id-djun li l-konvenut ghandu mal-HSBC fir-rigward tal-kont kurrenti f' ismu nru.05013176001 u nofs il-kont tat-telefon mhallas mill-attrici, ammontanti ghas-somma ta' LM38.42. Dan kollu kif stabbilit mill-perit legali fil-paragrafu 4.7.9[b].[16]

[c] *Mobbli* – Illi in vista ta' l-assenjazzjoni maghmula lill-konvenut fil-paragrafu precedenti, l-attrici qeda tigi assenjata l-oggetti mobbli kollha kif indikat mill-perit legali fir-relazzjoni taghha fil-paragrafi 4.7.9[c] u 4.7.10[17],li din il-Qorti qed taddotta fl-intier taghhom, liema oggett huma ndikati fin-nota guramentata ta' l-attrici,[18]salv il-makkinarju tal-fabbrika [li gie assenjat lill-konvenut flimkien mad-dejn fuq l-istess fabbrika u oggetti].

Illi, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali rigward l-ekwiparazzjoni ta'€ 34,940.60 [ekwivalenti ghal LM15,000] dovuta lilha in

---

[15] Kif jirrizulta mill-Kitba ta' qabel iz-Zwieg in atti Nutar Dottor Anthony Attard – Vol.1 – fol.122
[16] Appendici – pagna 14
[17] Pagni 15 u 16 fols.809 - 810
[18] Vol.1 – fols.28 u 29

vista ta’ dak assenjat lill-konvenut fil-paragrafu precedenti, u li ghandhom jithallsu mill-konvenut

*Introjtu minn investimenti parafernali ta’ l-attrici*

Illi kif osservat il-perit legali fil-paragrafu 4.7.11 tar-relazzjoni, l-attrici, matul iz-zwieg ippercepiet bhala sehemha mill-rikavat tal-bejgh ta’ l-imsemmi hanut, proprjeta’ parafernali taghha, is-somma ta’ LM21,000[19] ; u inoltre rceviet bhala donazzjoni minnghand il-genituri taghha s-somma ta’ LM15,000[20]. Sussegwentement fis-sena 2000 hija investiet minn dawn l-ammonti s-somma ta’ LM31,400, b’ imghaxijiet annwali ta’ medja ta’ LM1,500 fis-sena.[21]

Ghalhekk, filwaqt li l-ammonti ta’ LM21,000 u ta’ LM15,000, kif ukoll l-investiment sussegwenti huma parafernali ta’ l-attrici, l-imghaxijiet annwali ta’ LM1,500 circa ghall-perijodu li jestendi mis-sena 2001 sa Lulju 2006 [sa fejn jaslu l-provi], b’ kollox LM9,000 huma assi appertenenti lill-komunjoni, u ghalhekk nofs dan l-ammont, jappartjeni lill-konvenut.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tosserva li dawn l-investimenti li jidhru fuq id-dokument TB1 huma proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici, din ghandha thallas lill-konvenut is-somma ta’ € 10,249.24 [ekwivalenti ghal LM4,400] sehemu mill-introjtu fuq indikat.

*Depoziti appartenenti lit-tfal*

Illi l-flus depozitati fil-Bank of Valletta u li jinsabu ndikati fil-paragrafu 4.7.12, dawn huma proprjeta’ tat-tfal tal-partijiet, u ghandhom jigu amministrati mill-attrici li pero’ mghandhiex is-setgha li tigbed mill-kapital, jekk mhux bil-permess tal-qorti kompetenti u fl-interess unikament tal-minuri li malli jsiru maggjorenni jkollhom id-dritt li jizbankaw sehemhom minn dawn id-depoziti.

---

[19] Vol.2 – fol.351 – Dep.Raymond Grech Cumbo
[20] Vol.2 – fol.756 – Dok.11
[21] Vol.2 – fol.348-349 – Dep.Alfred Calamatta u fol.734, prospett ezebit mill-istess li jasal sa Lulju 2006

Ferm il-premess, il-Qorti taddotta fl-intier tieghu l-imsemmi paragrafu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi :

[i] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal tortijiet unikament attribwibbli lill-konvenut ; u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza ;

[2] tilqa' t-tieni talba ;

[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens fuq deciz ;

[4] tilqa' ir-raba talba, u tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, fis-sens u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti";

[5] tilqa' il-hames u s-seba' talbiet fis-sens u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Manteniment";

[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";

[7] tichad is-seba talba, izda tordna li l-konvenut jivvaka mill-fond "White Clover" 91, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia fi zmien tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza ;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------